MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2012

Avviz Numru. 153/2011

**Louis (ID. 90257(M) u
Anna (ID. 314059(M)) konjugi Micallef**

**Vs**

**Josephine Baldacchino (ID 217071(M))**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih l-atturi talbu sabiex il-konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-istess atturi s-somma ta' hamest elef Ewro (€5,000) jew somma verjuri rappresentanti din is-somma danni kkawzati mill-konvenuta stante okkupazzjoni illegali taghha tal-fond 'Louann', Triq l-Anglu, Zebbug u dan kif gie dikjarat permezz ta' sentenza fl-ismijiet Louis Micallef et vs Josephine Baldacchino (Citaz. Nru 266/08FS) deciza fis-7 ta' Marzu 2011. Id-danni jinkludu kumpens ghall-okkupazzjoni illegali, arretrati ta'

dawl u ilma u kif ukoll hsarat ohra ikkawzati mill-konvenuta fil-fond in kwistjoni.

Bl-ispejjez u l-imghax u l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-digriet Taghha moghti fit-28 ta’ Novembru 2011 a fol 11 tal-atti dwar in-notifika tal-istess konvenuta kif ukoll accertat ruhha li l-konvenuta giet notifikata skond l-artikolu 187(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenuta, kif gie premess, giet notifikata, skond il-ligi bir-rikors promotur izda hi, bl-ebda mod, ma kkontestat it-talbiet attrici.

Illi, da parti tal-atturi, xehed l-istess attur, Louis Micallef, waqt is-seduta mizmuma llum stess u dan ikkonferma, taht gurament, illi l-ammont specifikat u mitlub fl-istess rikors kien ghadu dovut sallum, mill-istess konvenuta.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa’ t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-atturi s-somma ta’ €5,000 bl-imghax legali mill-10 ta’ Mejju 2011 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes ta’ dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------